MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Avviz Numru. 316/2008

Il-Qorti

Rat l-avvizipprezentat fit-23 ta’ Settembru 2008 fejn ir-rikorrent talab illi, prevja dikjarazzjoni ta’ dina l-Qorti illi l-kitba ppubblikata f’pagna 32 tal-harga ta’ ‘Il-Kunsill Tieghek’ li tieghu intom l-awtur u editur rispettivament huwa malafamanti u libelluz fil-konfront tal-attur u ghandu bhala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu, tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi stabbilita minn dina l-Qorti ai termini tal-Art 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-risposta tal-konvenut Dr Paul Chetcuti Caruana ipprezentata fis-27 ta’ Ottubru 2008 fejn eccepixxa illi :-

1. Il-pubblikazzjoni imsemmija mill-attur mhijiex libelluza fil-konfront tal-attur;

2. Il-pubblikazzjoni imsemmija mill-attur tikkonsisti f’opinjoni dwar materja attwali fil-Mosta, opinjoni

accettabbli f’socjeta demokratika, kemm taht il-Ligi tal-Istampa, kemm taht il-Kostitutzzjoni ta’ Malta, kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropean tad-Drittijiet tal-Bniedem. Jekk l-attur deherlu li gew ppubblikati jew ixxandru inezattezzi li jolqtu lilu, huwa kellu r-rimedju tar-rettifika fil-harga li jmiss tal-harga Il-Kunsill Tieghek taht l-istess Att dwar l-Istampa;

3. F’kull kaz hemm lok ghall-applikazzjoni tal-Jus Retroquendi billi fil-kitba tieghu l-esponent kien qieghed iwiegeb ghal attakk malafamanti maghmul mill-attur inniffsu kontra l-konvenut Dr Paul Chetcuti Caruana fil-15 ta’ Awissu 2008 fil-Kazin tas-Socjeta Muzikali Nicolo Isuard tal-Mosta;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-artikolu meritu tal-kaz odjern ippubblikat fil-harga ta’ Il-Kunsill Tieghek mahruga f’Settembru 2008 intitolat “The Untouchable” u iffirmat mill-konvenut Dr Paul Chetcuti Caruana bhala Sindku tal-Mosta, esebit fl-atti tal-process bhala Dok A a fol 2 tal-process.

Rat ix-xhieda viva voce moghtija mill-attur Nazzareno Vassallo fl-10 ta’ Marzu 2009 u id-dokumentazzjoni minnu esebita dakinhar stess.

Rat il-kontenut tad-diskors illi kien ghamel ir-rikorrent fil-15 ta’ Awissu 2008 indirizzat lil madwar 400 persuna mistiedna ghall attivita’ tas-Socjeta Filarmonika Nicolo’ Isouard, esebit bhala Dok C a fol 21 tal-process tal-kaz 330/2008 FDP li qed jigi deciz illum stess, liema diskors wassal sabiex il-konvenut jaghmel l-artikolu meritu tal-kaz odjern.

Rat illi r-rikorrent kiteb artikolu in risposta tal-artikolu meritu tal-kaz odjern, liema artikolu gie prodott fil-harga ta’ Il-Kunsill Tieghek illi hareg f’Marzu 2009 u kien intitolat “Il-Verita u s-Sindku tal-Mosta” iffirmat minn Nazzareno Vassallo bhala President tas-Socjeta Filarmonika Nicolo’ Isouard, liema artikolu huwa riprodott a fol 48 tal-process tal-process tal-kaz 330/2008 FDP bhala Dok F.

Rat l-affidavit ta’ Frans Deguara, membru tal-Kumitat tas-Socjeta Filarmonika Nicolo’ Isouard ipprezentat mir-rikorrent, a fol 31 tal-process.

Rat l-affidavit ta’ Raymond Deguara, Vici President tal-Kumitat tas-Socjeta Filarmonika Nicolo’ Isouard ipprezentat mir-rikorrent, a fol 24 tal-process.

Rat l-affidavit ta’ John Dimech, membru tal-Kumitat tas-Socjeta Filarmonika Nicolo’ Isouard ipprezentat mir-rikorrent, a fol 29 tal-process.

Rat l-affidavit ta’ Arthur Zammit, Segretarju tal-Kumitat tas-Socjeta Filarmonika Nicolo’ Isouard ipprezentat mir-rikorrent, a fol 25 tal-process.

Rat l-affidavit ta’ Saviour Dimech, membru tal-Kumitat tas-Socjeta Filarmonika Nicolo’ Isouard ipprezentat mir-rikorrent, a fol 20 tal-process.

Rat illi fil-25 ta’ Marzu r-rikorrent ghalaq il-provi tieghu u intalab differiment sabiex tigi esplorata il-possibbilta’ ta’ transazzjoni.

Rat illi l-esplorazzjoni ghal possibbilta’ ta’ transazzjoni baqghet sejjra sa’ l-10 ta’ Ottubru 2011 meta l-partijiet infurmaw lill-Qorti li transazzjoni ma sehhietx.

Rat l-affidavit ta’ Dr Paul Chetcuti Caruana ippresentat fil-25 ta’ Novembru 2011.

Rat l-affidavit ta’ Ivan Bartolo ipprezentat fl-1 ta’ Marzu 2012.

Rat illi fit-2 ta’ Marzu 2012 il-konsulent legali tal-konvenut informa lill-Qorti li l-klijent tieghu kien ezonerah mill-inkarigu milli jidher ghalih u ghalhekk irrinunzja mill-patrocinju tal-konvenut.

Rat illi fis-seduti tas-16 ta’ Marzu 2012 u tat-23 ta’ April 2012 il-konvenut qatt ma deher u lanqas ma deher xi

konsulent legali ghalih u ghalhekk, fit-23 ta’ April 2012 il-Qorti ddikjarat il-provi intimati bhala maghluqa.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta’ Gunju 2012 il-konvenut reggha ma deherx u l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat

Jirrizulta mill-fatti prodotti illi l-kwistjoni meritu tal-kaz odjern kienet tirrigwarda weghdiet maghmulha mill-konvenut fil-kwalita’ tieghu bhala Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Mosta tas- Socjeta Filarmonika Nicolo’ Isouard, li tieghu ir-rikorrent huwa l-President, liema weghdiet l-attur ghamel referenza ghalihom fid-diskors illi huwa ghamel fil-15 ta’ Awissu 2008, ossija dakinhar tal-festa tal-Mosta, peress illi l-affarjiet imwieghda ma kienux avveraw ruhhom.

Jirrizulta illi l-kwistjoni kienet tikkoncerna diversi differenzi li nqalghu bejn is-Socjeta u il-President taghha, ir-rikorrent, mas-Sindku tal-Mosta, ossija l-konvenut.

Jirrizulta illi l-intimat kien issugerixxa lis-Socjeta sabiex l-istess Socjeta taghmel bust ta’ Nicolo’ Isouard, liema bust imbghad jitqieghed fuq pedestall li kien ser jipprovdi l-Kunsill Lokali izda, wara li tlesta tali bust, il-Kunsill Lokali baqa’ qatt ma pprovda tali bust.

Jirrizulta wkoll illi s-Socjeta kienet ipproponiet illi jittella Salib, a spejjez taghha, fil-pjazza tal-Mosta, maghruf bhala Salib tar-Religjon, liema proposta kienet giet accetatta mill-Kunsill tant illi kienet ghamlet applikazzjoni mal-MEPA, liema applikazzjoni kienet giet accettata. Madanakollu, ftit gimghat qabel ma kien ser jibda il-progett, il-Kunsill Lokali irtira l-applikazzjoni u waqqaf il-progett peress illi kien hemm oggezzjoni mis-Socjeta tal-banda rivali tas-Socjeta illi tieghu r-rikorrent kien President.

Jirrizulta illi fid-diskors illi ghamel ir-rikorrent, huwa wera d-dispjacir tas-Socjeta li taghha huwa President, li affarjiet

ippjanati sabiex jigi mfakkar l-400 sena mit-twaqqif tal-Parocca tal-Mosta ma sehhewx minhabba li l-Kunsill Lokali ma ghamlux dak minnhom mistenni.

Jirrizulta, mix-xhieda tal-konvenut permezz ta' affidavit, illi huwa kien mughguh bil-kliem illi uza l-attur u ghalhekk hass illi l-ahjar mod kif seta jirrispondi ghall-kummenti kien fil-Fuljett tal-Kunsill kif ukoll permezz ta' ittra fil-gurnal l-Orizzont. Di fatti, huwa ghamel it-tnejn li huma u ippubblika l-ittra meritu tal-kaz odjern fil-fuljett 'Il-Kunsill tieghek - Lehen il-Kunsill Lokali tal-Mosta fil harga ta' Settembru 2008, Harga Numru 33, kif ukoll ittra fil-gazzetta l-Orizzont illi tifforma il-meritu ta' kawza odra illi qieghda tigi deciza llum ukoll, Avviz nru 330/2008 FDP.

Ikkunsidrat

Il-konvenuti, fid-difiza taghhom, jilqghu ghal-kaz mibdi kontra taghhom billi jressqu tlett difizi:

- l-pubblikazzjoni m'hiex libelluza;
- l-pubblikazzjoni hija opinjoni accettabbli;
- il-pubblikazzjoni hija rizultat tad-dritt ta' Jus Retroquendi, ossija d-dritt ta' twegiba.

Il-Qorti ser tikkunsidra kull difiza individwalment.

Dwar l-ewwel difiza, il-Qorti taghmel referenza ghall-kontenut ta' l-ittra miktuba mill-intimat Chetcuti Caruana. F'tali artikolu huwa jghid, fost affarjiet ohra illi "Dan il-kuntrattur bhal xi nies ohrajn fil-Mosta, ghax ghandu l-flus u r-rih li jaghmel li jrid, minghalih li minghajru la jsir u ma sar xejn gewwa il-Mosta" filwaqt illi jiddeskrivieh bhala "bniedem pastaz" u li ma kellux "jinheba wara l-Partit tieghek u ta' certu Mostin li huma midhla sew tal-klikka tieghek u jilghaqukulek minhabba l-flus u l-poter". L-intimat jzid jghid dwar l-attur illi "flus biss ghandek aktar minn haddiehor, mill-bqija xejn aktar, hlief timmanipula dwar l-erba nies fidili u gwejda li jkunu madwarek u s'intendi inti maghdud bhala wiehed mill-ftit Untouchables li hawn f'Malta, ghax ghamilt sold."

L-uzu ta' tali kliem fil-konfront tal-attur certament ma jistax ma jitqiex bhala malafamanti fil-konfront tieghu peress illi huma intizi sabiex jattakkaw l-integrita tal-persuna innifisha billi jiddeskrivieh bhala persuna "pastaza" u li jimmanipula n-nies bil-flus.

L-intimati jilqghu ghal tali possibbilta' ta' malafama billi jghidu illi dina hija opinjoni accettabbli fis-socjeta taghna ta' llum.

Huwa minnu illi fis-socjeta taghna ta' llum id-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni hija dritt sacrosant li anke dawn il-Qrati ripetutament ipprotegew, izda certament ma huwiex dritt illi wiehed ghandu jabbuza bih.

Li wiehed jallega affarjiet dwar persuna fil-pubbliku hija accettabbli sakemm huwa imbghad igib il-provi illi tali fatti setghu kienu b'xi mod kienu veri jew possibbli. Madanakollu, l-intimat qatt ma ressaq ebda provi sabiex jipprova jissustanzja l-allegazzjonijiet tieghu u kull ma qal kien, fl-affidavit tieghu, illi "dak li ktibt fil-fuljett ktibtu ghax kont mughguh bl-azzjoni tas-Sur Vassallo. Kemm il-darba il-Qorti thoss li minn naha tieghi seta kien hemm xi rimarki li qabzu il-limitu, jien lest li niskuza ruhi. Pero, fl-istess hin, ma stajtx ninjora l-mod kif is-Sur Vasallo agixxa fil-konfront tieghi fil-kariga ta' Sindku".

Harsa lejn il-kliem li intuza fid-diskors tar-rikorrent fil-15 ta' Mejju 2008 certament juri illi fl-ebda mument l-istess rikorrent ma attakka lill-intimat b' mod personali izda llimita ruhhu sabiex jghid dak li kien wieghed l-intimat, fil-kwalita' tieghu ta' Sindku, u allura persuna pubblika, u kkummenta b'mod dispjacut ghal fatt illi l-progetti u inizjjattivi gew imxekkla mill-awtoritajiet lokali tal-Mosta.

L-intimat Chetcuti Caruana, minn naha tieghu, fl-ittra attakka lir-rikorrent b'mod personali u ghamel diversi insinwazzjonijiet koroh fil-konfront tar-rikorrent, liema insinwazzjonijiet u kummenti certament ma jistghu qatt jitqiesu bhala opinjoni acettabbli fid-dinja ta' llum.

Fl-ahhar nett, l-intimati jiddefendu l-kaz taghhom billi jghidu li huwa kien biss qieghed jezercita il-Jus Retroquendi tieghu ghal dak li qal fuqu r-rikorrent.

Jirrizulta ben ippruvat illi filwaqt li dak li qal ir-rikorrent fid-diskors u li ghall-intimat kien jikkonsisti f'attakk fil-konfront tieghu bhala Sindku, kien indirizzat lill gemgha ta' nies li gew mistiedna ghall okkazzjoni, l-ittra mikutba mill-intimat u meritu tal-kawza odjerna giet ippubblikata fuq gazzetta illi certament ghandha ferm aktar qarrejja bhala numru minn dawk presenti ghar-riceviment.

Dana qieghed jinghad ghax id-dritt ta' Jus Retroquendi huwa dritt illi wiehed ghandu sabiex jipprotegi r-reputazzjoni tieghu, izda sabiex tali drittt verament ikun gie ezercitat kif misthoqq, irid ikun ezercitat fl-istess ambitu illi dak li qed jigi protett intqal u fl-istess proporzjon, sa fejn possibbli.

Fil kaz in ezami, filwaqt illi l-kummenti li l-intimat allega li weggugh intqalu quddiem ftit mijiet ta' nies presenti ghall attivita, ir-risposta u l-kummenti tal-itnimat intqali lill diveri eluf ta' persuni illi regolarment jaqraw il-gazzetta.

Ghalhekk, huwa car li, ghalkemm l-intimat qieghed jappella ghad-dritt tieghu illi jipprotegi r-reputazzjoni tieghu, huwa adopera metodi illi certament imorru oltre il-protezzjoni tar-reputazzjoni tieghu, peress illi eccedew bi kbir l-ambitu fejn l-attak illi kien qed jigi protett sehh!.

Ghalhekk il-Qorti tara li l-artikolu miktub mill-intimat jikkontjeni kliem malafamanti u libelluzi fil-konfront tal-attur, liema kliem il-Qorti ma tistax ma ticcensurax u tikkundannax.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam Ivan Bartolo, bhala editur, ghalkemm huwa responsabbli mill-kontenut li jigi ppubblikat fil-magazine li tieghu huwa editur, jidher illi huwa ha hsieb illi jippubblika r-risposta tar-rikorrent fl-ewwel harga wara li sehhet il-pubblikazzjoni, u dana sar fil-harga ta' Marzu 2009. Ghalhekk, ghalkemm ir-resposabbilta' tieghu dejjem tibqa hemm, huwa ghamel

minn kollox sabiex jirrimedja u dana ser ikun rifless fid-decizjoni finali tal-Qorti.

Konkluzjoni

Il-Qorti ghalhekk wara li rat il-provi kollha migjuba quddiemha, wara li fliet id-dokumentazzjoni kollha bir-reqqa u wara li qieset il-fatti kollha tal-kaz, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati, tilqa’ t-talba tar-rikorrent u tiddikjara illi l-artikolu “The Untouchable” ippublikat fil-pagna 32 tal-harga ta’ Il-Kunsill Tieghek ippubblikat f’Settembru 2008, Harga 33 li tieghu l-intimat Chetcuti Caruana kien l-awtur u Bartolo kien l-editur jingurja u jimmalafama lir-rikorrent peress illi ghamel allegazzjonijet foloz u malafamanti fil-konfront tal-attur bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tal-istess attur u jesponuh ghar-ridikolu u ghad-disprezz.

Il-Qorti wkoll wara li qieset il-fatti kollha tal-kaz a tenur tal-artikolu 28 tal-Kap 248  tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tikkundanna lill-intimat Paul Chetcuti Caruana ihallas lill-istess rikorrent is-somma ta’ elf ewro (€1,000) bhala danni likwidati li jrid ihallas l-istess intimat Chetcuti Caruana lir-rikorrent filwaqt illi tikkundanna lill-intimat Ivan Bartolo ihallas lill-istess rikorrent is-somma ta’ mitt ewro (€100) bhala danni likwidati li jrid ihallas l-istess intimat Bartolo lir-rikorrent.

Bl-ispejjes kontra l-intimati flimkien.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------